MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2014

Talba Numru. 561/2012

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs.**

**Brendon Cachia K.I. 75487(M)**

It-Tribunal

Ra l-**Avviż tat-talba** fl-ismijiet premessi, ippreżentat fit-13 t'Awwissu 2012, li permezz tiegħu is-soċjeta` attriċi talbet mingħand il-konvenut il-ħlas tas-somma ta' elfejn, ħames mija u ħames Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€2505.38) – rappreżentanti ammont dovut in konnessjoni ma' servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkonti numru *A/C 51110079, 51108051 u 51106633* mogħtija mis-soċjeta` attriċi lill-konvenut.

Ra r-**Risposta tal-konvenut** ippreżentata fis-27 ta' Settembru 2012 fejn eċċepixxa li:

1. It-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi fiż-żmien relattiv għas-servizz ta' komunikazzjoni allegatament mogħtija mis-soċjetà attriċi, l-eċċipjenti kien residenti ġewwa ċentru ta' rijabilitazzjoni, fejn kien ipprojbit milli jagħmel użu minn kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni, liema fatt kien a konoxxjenza tas-soċjetà attriċi, hekk kif se jirriżulta waqt it-trattazjoni tal-kawża.

2. Għaldaqstant l-eċċipjent, għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

3. Illi fi kwalsijasi każ, is-soċjetà attriċi jeħtiġilha tipprova l-ammont allegatament dovut mill-eċċipjent stante illi l-istess huma kkontestati.

4. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Ra illi l-partijiet ġew debitament notifikati bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Seduta.

Sema l-provi.

Ra illi l-konvenut xehed fis-seduta tat-22 ta' Jannar 2014, fejn huwa ammetta t-talba attriċi kif dedotta u kkonferma li għandu jħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' elfejn, ħames mija u ħames Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€2505.38).

Ra illi l-partijiet fl-istess seduta ftehmu illi l-ammont kollu dovut għandu jitħallas mill-konvenut lis-soċjeta` attriċi f'pagamenti mensili ta' ħamsin Ewro (€50) kull xahar, u li jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih.

It-Tribunal spjega lill-konvenut l-effett tal-ammissjoni tiegħu u ddifferixxa t-talba għas-sentenza għas-seduta odjerna.

**Deċide**

Għaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta` attriċi is-somma ta' elfejn, ħames mija u ħames Ewro u tmienja u tletin ċenteżmu (€2505.38), liema somma għandha titħallas fl-ammont ta' ħamsin Ewro (€50) kull xahar. Jekk il-konvenut jaqbeż xi pagament, huwa jitlef il-benefiċċju tat-terminu u l-ħlas ikun dovut minnufih. L-imgħax legali jiddekorri mid-data ta' kwalsiasi pagament illi ma jsirx, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż, fiċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu mingħajr taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------